

## Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Rewe-Beteiligungs-Holding International GmbH hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk imġarrba mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(<sup>1</sup>) ĠU C 166, 14.5.2018.

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2018 – Il-Polonja vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-506/18)**

(2018/C 427/105)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-riktorrenti titlob li l-Qorti ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni C(2018) 3826 finali, tat-13 ta' Ġunju 2018, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea nefqa partikolari li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR)<sup>(1)</sup>, sa fejn hija teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea s-somom ta' EUR 1 421 755,79 u ta' EUR 1 436 426,23, imħallsa mill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata mir-Repubblika tal-Polonja;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-riktorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 1306/2013<sup>(2)</sup> għar-raġuni li l-korrezzjoni finanzjarja ġiet applikata fuq il-bażi ta' konstatazzjonijiet fattwali ineżatti u fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dritt
  - Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li s-somom eskużi mill-finanzjament tal-Unjoni bis-saħħa tad-deċiżjoni kkontestata tħall-su skont id-dispożizzjonijiet legali li jiddefinixxu l-implimentazzjoni tal-appoġġ speċifiku għas-settur tat-tabakk, jiġifieri r-Regolament Nru 73/2009<sup>(3)</sup>, ir-Regolament Nru 1120/2009<sup>(4)</sup> kif ukoll ir-Regolament Nru 1122/2009<sup>(5)</sup>. Il-modalitajiet ta' implementazzjoni tal-appoġġ mill-Ġvern Pollakk kienu jikkorrispondu wkoll mal-atti ġuridiċi nazzjonali kif ukoll ma' dak li jissejjaħ il-Programm ta' attivitat imwettqa fil-Polonja, trażmess lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-appoġġ speċifiku previst fl-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 73/2009.
  - Fir-rigward tal-parti tal-motiv li ssemmi l-verifikasi fuq il-post għand il-produttur, ir-Repubblika tal-Polonja tosserva li la d-dritt tal-Unjoni u lanqas id-dritt nazzjonali ma kienu jipprevedu l-obbligu fuq il-produttur li jikkunsinna t-tabakk kollu lill-ewwel proċessur. Is-sistema Pollakka ta' verifika fuq il-post kienet tippermetti kompletament li ssir verifika effettiva tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' eliġibiltà għall-appoġġ.

- Fir-rigward tal-parti tal-motiv li ssemmi l-verifikasi fuq il-post fil-post tal-kunsinna, ir-Repubblika tal-Polonja tossova li dawn il-verifikasi kieni jiġġarantixxu kompletament il-verifikasi tar-rekwiżiti kollha ta' kwalità li għandha tissodisa l-materja prima tat-tabakk eliġibbli għall-appoġġ, inklużi b'mod partikolari r-rekwiżiti dwar l-umdità u l-kontenut tar-ramel u l-impuritajiet.
  - Fir-rigward, sussegwentement, tal-ilment tal-Kummissjoni dwar l-assenza ta' sistema spċificika ta' tnaqqis u ta' eskużjoni, ir-Repubblika tal-Polonja tossova li s-sistema Pollakka ta' sanzjonijiet fil-qasam tal-appoġġ spċificu għas-settur tat-tabakk kienet kompletament konformi mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament 73/2009. B'mod partikolari, din is-sistema kienet restrittiva ħafna u kienet telimina kull riskju ta' telf għall-fond.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(2) tar-Regolament Nru 1306/2013 għar-raġuni li l-korrezzjoni fissa applikata kienet manifestament eċċessiva fir-rigward tar-riskju evetwali ta' telf finanzjarju għall-bagħit tal-Unjoni
- Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li l-applikazzjoni mill-Kummissjoni ta' korrezzjoni fissa tal-kompetizzjoni ta' 5 % hija għolja wisq u tmur lil hinn mit-telf massimu eventwali li kien ikollu jbatisse l-fond.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 296(2) TFUE

Fdan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Polonja tirrileva d-diverġenzi li jirriżultaw mill-messäggi elettroniċi trażmessi mill-Kummissjoni fil-kors tal-investigazzjoni, u għaldaqstant l-assenza ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni tal-motiv ibbażat fuq il-ksur minnha ta' parti mid-dispożizzjoni jiet tal-Unjoni.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2018/873 tal-Kummissjoni (ĠU 2018, L 152, p. 29).

<sup>(2)</sup> Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549).

<sup>(3)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad- 19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16).

<sup>(4)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad- 29 ta' Ottubru 2009 li jippreskriwi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa (ĠU 2009, L 316, p. 1).

<sup>(5)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 ta' 30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 316, p. 65).

### Rikors ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2018 – Del Valle Ruiz u Oħrajn vs BUR

(Kawża T-514/18)

(2018/C 427/106)

Lingwa tal-kawża: l-Inglijż

### Partijiet

Rikorrenti: Antonio Del Valle Ruiz (Il-Belt tal-Messiku, il-Messiku) u 36 oħra (rappreżentanti: P. Saini, QC, J. Pobjoy, Barrister u R. Boynton, Solicitor)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR)